MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2005

Talba Numru. 698/2005

**Michael Attard Holdings Limited gia**
**Michael Attard Limited C6093**

**Vs**

**Marisa Jones**

### It-Tribunal

Ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuta ghall-hlas ta’ erba’ mija u disgha u tmenin lira Maltin u tletin centezmu (Lm489.30c) rapprezentanti import ta’ hames (5) kambjali skaduti, accettati u ffirmati minnha stess.

Ra illi l-konvenuta Marisa Jones, debitament notifikata, ma kkontestatx it-talba attrici;

Ra n-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art. 698(2) u 702 tal-Kap. 12);

Billi, ghalkemm notifikata regolarment, il-konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-19 ta’ Settembru, 2005 meta gew ipprezentati l-Kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u disgha u tmenin lira Maltin u tletin centezmu (Lm489.30c) bl-imghax legali u bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------